MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru 258/2001

Illum, 31 ta' Ottubru , 2007

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)

vs

Joseph John Gatt

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Joseph John Gatt ta' 52 sena bin Hercules u Carmela nee' Brincat mwieled fit-18 ta' Novembru 1948 u joqghod 'The Hillock' Triq Anthony Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 1004648(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli-:

1. Nhar is-Sibt 15 ta’ Jannar 2000 bejn is-6:30p.m. u t-8:00p.m. f’ B’Kara hedded lil Maria Terese sive Marthese Gatt bil-fomm, liema theddid kien akkompanjat minn ordni jew kondizzjoni, bi ksur ta’ l-Artikolu 249(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema theddid jikkonsisti f’theddid li hu jew terzi persuni joqtlu lill-istess kwerelanti, jekk hija tipprocedi bil-kawza tas-separazzjoni kontra tieghu.

2. Aktar talli uza vjolenza konsistenti f’theddid sabiex igieghel lill-kwerelanti taghmel, thalli ssir, jew tonqos milli taghmel, xi haga kif inghad bi ksur ta’ l-artikolu 251(1)Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-kwerelanti, weggaghha bi kliem kif ukoll b’gesti , bi ksur tal-artikolu 252(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi ghajjarha li tezercita l-prostituzzjoni.

4. Aktar talli hebb ghall kwerelanti sabiex jingurjaha, dejjaqha u ghamlillha hsara bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9.

5. Aktar talli ghamel lill-kwerelanti ingurji jew hedded mhux imsemmijin band’ohra fil-Kap 9 Ligijiet ta’ Malta, jew jekk kien ipprovokat b’mod li hareg il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni , bi ksur tal-artikolu 33.

6. Iktar talli m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ u dan billi mar kontra twissija maghmula lilu minn PS 833 bi ksur ta’ l-artikolu 338(ee) Kap 9 Ligijiet ta’ Malta.

7. Aktar talli kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b’ghajjat u storbju , bi ksur tal-Artikolu 338(dd) Kap 9 Ligijiet ta’ Malta.

8. Aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor, bi ksur tal-Artikolu 338(m) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2004 fejn il-partjiet qablu li r-raba, l-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien akkuzi huma preskritti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Settembru 2007 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 249, 251, 252, 339(1)(d), (e), 338(ee), (dd) u (m) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda allegat incident li nqala' fil-15 ta' Jannar 2000
Bejn l-4.30pm u l-8.00pm, f'B'Kara fid-dar residenzjali tal-imputat u ta' martu Maria Theresa sive Marthese Gatt. Marthese Gatt meta xehdet fis-seduta tal-10 ta Settembru 2003 qalet li fl-imsemija data hija u bintha kienu rritornaw id-dar ghall-habta tas-6.30pm u zewgha beda jghajjat, jidghi u jkellimha hazin quddiem bintha u jheddiha li jekk hija kienet ser turi certu dokumenti l-Qorti li jinvolvu l-familja tieghu huwa diga' kellu n-nies lesti ghaliha sabiex jiehdu hsisebha. Din ix-xhud spjegat ukoll li hi u zewgha, u cioe' l-imputat, kienu ilhom ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali ghal dawk l-ahhar erba snin u li incidenti simili kienu jigru ta' spiss.

Thais Gatt li xehdet fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2004 u li tigi bint l-imputat u l-parti civili filwaqt li qalet li tiftaakr li kien inala' xi ncident bejn misierha u ommha ma ftakret xejn aktar dwar dak li kien gara jew intqal fl-incident tal-15 ta' Jannar 2000.

L-imputat, li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (ara deposizzjoni a fol. 53 sa 57 tal-process), qal li fil-15 ta Jananr 2000 kien inqala' argument bejnu u bejn martu fejn huwa kien qalilha li huwa xtaq ikun jaf fejn qed tkun it-tifla. Huwa izda cahad li b'xi mod hedded jew insulenta lil martu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kif ukoll ix-xheda tal-imputat u jidrilha li jeziisti kunflitt ta' provi in kwantu jirrigwarda l-ewwel u t-tieni akkuza. Marthese Gatt tallega li fil-15 ta' Jannar 2000 zewgha heddidha li jekk hija tiproduci certu dokumenti l-Qorti fil-kawza as-separazzjoni li kienu jirrigwardaw il-familjari tieghu huwa diga' kellu lesti nies sabiex jiehdu hsiebha. L-imputat cahad li fil-15 ta' Jannar 2000 huwa kien qal dan il-kliem lil martu jew b'xi mod heddidha. Thais Gatt, it-tifla tal-imputat u l-parti civil ghazlet li tixhed wara li giet debitament imwissija li setghat taghzel li ma tixhidx f'dawn il-proceduri stante li l-imputat kien missierha, izda ghalkemm hija qalet li tiftakar li nqala' argument bejn ommha u missierha hija ma ftakritx x'kien inghad waqt dan l-argument. Il-Qorti jidrilha li wiehed dififcilment jinsa li kien sar theddid specifiku bhal dak allegat minn Marthese Gatt fil-kkonfronti ta' zewgha u li kieku sar tali theddid fil-prezenza taghha Thais Gatt, li ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri, li hija xhud imressqa mill-Prosekuzzjoni (irid jigi rilevat li ntalab differiment f'aktar minn okkazzjoni wahda sabiex tkun tista' tixhed Thais Gatt peress li hija kient imsiefra ghl tul ta zmien), certament li kienet tiftakar li sar dan it-theddid specifiku u tixhed dwaru f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti jidrilha li jezisiti kunflitt bejn dak allegat minn Marthese Gatt u dak li qed jghid l-imputat li qed jichad kategorikament li huwa hedded lil martu fil-15 t' Jananr 2000. Peress li fil-kamp kriminali huwa principju kardinali li f'kaz ta' dubju dan ghandu jimmilita favur l-akkuzat (in dubbio pro reo) l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat dawn bl-ebda mod ma jista' jinghad li jirrizultaw pruvati mill-Prosekuzzjoni. Irid jigi rilevat inoltre li ghalkemm fis-seduta tal-10 ta' Novembru kien hemm qbil bejn il-partijiet lli r-raba', l-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien akkuzi kienu preskritti, dan ma jirrizultax li huwa l-kaz stante li l-akkuzi odjerni nhargu fil-21 ta' Frar 2000 u mill-atti jririzulta li fis-17 ta' Marzu 2000 l-imputat kien deher qudiem din il-Qorti u ghalhekk huwa gie notifikat entro t-tlett xhur mid-data li fiha allegatament gew kommessi r-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat, u cioe' il-15 ta' Jananr 2000. Fi kwalunkwe kaz kif diga' inghad dawn l-akkuzi bl-ebda mod ma jirrizultaw puvati u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fuq kunflitt ta provi qed tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tieni akkuza u peress li t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt, is-seba', u t-tmien akkuza ma jirrizultawx pruvati tilibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------